MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 256/2014

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li jippremetta :

1. Illi nhar it-tmintax ta’ Dicembru, tas-sena elf disa’ mija u erbgha u disghin (18/12/1994) dan kif jidher mill-anness certifikat taz-zwieg mmarkat bhala Dok A;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett (3) itfalC, D u E li twieldu nhar it-tlieta ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u disgha u disghin (3/09/1999), tletin ta’ April tas-sena elf disa’ mija u disgha u disghin (30/4/1999) u fit-tnax ta’ Jannar tas-sena elfejn u wiehed (12/01/2001) rispettivament u dan kif jidher mill-anness certifikati tat-twelid mmarkati bhala Dok B1, Dok B2 u Dok B3;
3. Illi l-problemi matrimonjali ilhom is-snin ghaddejjin u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimata fosthom izda mhux limitatament, nuqqas ta’ interess u dedikazzjoni lejn il-familja u abbuz emozjonali, eccessi u ingurji;
4. Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal din l-ahhar sena;
5. Illi l-partijiet ghadhom jghixu fid-dar matrimonjali XXX flimkien mal-ulied u minkejja li l-intimata tahdem huwa l-esponenti li qed jipprovdi ghal bzonnijiet essenzjali tal-minuri;
6. Illi fil-fehma tar-rikorrenti hemm ragunijiet gravi u sufficjenti kif kontemplati fil-ligi li jwasslu ghall-ottenjeniment ta’ separazzjoni personali;
7. Illi r-rikorrenti gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali skont digriet ta’ dina il-Qorti moghti fl-atti tal-medjazzjoni miftuha mill-istess attrici li ggib in-numru 1318/14;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimata, u tawtorizza lir-rikorrenti jghix separatament minn mal-intimata u ghall-finijiet ta’ l-artikolu 48 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun ikkunsidrat hatja tal-firda;
2. Tillikwida u tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;
3. Tiddividi, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, l-oggetti kollha mobbli u immobbli li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti f’zewg porzjonijiet mhux necessarjament ta’ valur ugwali u tassenja porzjon minnhom lir-rikorrenti u porzjon iehor lill-intimat, salv hlas

ta’ ekwiparazzjoni fi flus f’kaz illi tali oggetti ma jkunux jistghu jinqasmu f’zewg porzjonjiet perfettament ugwali;

4. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D u E, ahwa B konguntivament f’idejn ir-rikorrenti missier, salv l-access favur l-intimata illi jigi ezercitat fil-granet u l-hinijiet illi jigu appozitament stabbiliti minn dina l-Qorti;
5. Tiddikjara illi l-intimata ddekadiet mid-dritt li titlob u/jew tottjeni l-hlas ta’ manteniment ghaliha nnifisha minghand ir-rikorrenti u tiddikjara li ebda manteniment mhu pagabbli mir-rikorrenti lill-intimata ghaliha nnifisha;
6. Tiffissa dik ir-retta alimentari xierqa u adegwata ghall-htigijiet tal-minuri D u E, ahwa B skont il-mezzi tal-intimata u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pagabbli mill-intimata lill-istess attur fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina il-Qorti jew jekk jidher iktar xieraq lill-istess Qorti;
7. Tapplika kontra l-intimata interament jew in parti, d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta guramentata fit-terminu preskritt mill-ligi;

Rat ir-rikors tal-konvenuta fejn talbet illi tiggustifika l-kontumacja taghha u r-risposta tal-attur;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal digriet dwar il-gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja tal-konvenuta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti tinnota li l-intimata giet debitament notifikata bir-rikors guramentat nhar l-10 ta' Dicembru 2014 u dan kif jirrizulta mir-referta esebita in atti a fol 15 tal-process.

Il-Qorti tinnota wkoll li l-intimata ma prezentatx ir-risposta guramentata taghha fit-terminu ta' ghoxrin gurnata stipulat mill-ligi izda permezz ta' rikors datat il-15 ta' Dicembru 2015, wara li taghmel referenza ghall-kronologija tal-fatti kif graw, anke tul il-kors tal-medjazzjoni bejniethom, talbet sabiex tinghata zmien biex tipprezenta ir-risposta taghha. Tispjega dettalji dwar it-tifrik taz-zwieg u d-diffikultajiet li ffaccjat (inkluz mard fuq wahda mill-ulied) u kondizzjoni ta' nuqqas ta' smiegh tal-istess wild. Tghid li f'dawn ic-cirkustanzi difficli, fejn anke kienet ghaddejja minn zmien li kien emozzjonalment difficli, meta tat daqqa t'ghajn lir-rikors guramentat, harset biss lejn id-data tal-ewwel smiegh u cioe' l-4 ta' Frar 2015 minghajr ma indunat li kellha twiegeb ghall-istess fi zmien ghoxrin jum. Tiddikjara li ma kellha ebda intenzjoni li tinjora tali rikors guramentat jew li turi disrispett lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti u ghalhekk tissottometti li ghandha tinghata z-zmien sabiex tirrispondi. Ma' tali rikors, tigi prezentata korrispondenza li ghaddiet kemm bejn il-partijiet kif ukoll bejn l-intimata u l-konsulent legali taghha kif ukoll ritratti tad-dar matrimonjali li juru l-istat hazin li kienet tinsab fih l-istess dar fiz-zmien relattiv.

Permezz tar-risposta tieghu l-intimat joggezzjona bil-qawwa ghall-awtorizazzjoni tal-prezentata tar-risposta guramentata ghaliex jikkontendi li da parti tal-intimata ma kien hemm ebda impediment legittimu izda biss zball vincibbli. Izid jghid ukoll li l-istess intimata tikkontraddixxi lilha nnifisha meta l-ewwel tghid li l-medjazzjoni giet maghluqa bla kliem u bla sliem biex imbaghad tghid li giet infurmata li l-istess medjazzjoni giet maghluqa mill-avukat tal-attur u li allura l-istess intimata kienet konxja mill-fatt li l-pass li jmiss kien dak li tinbeda l-kawza. Barra minn hekk jikkontendi li l-intimata taf taqra u li fuq ir-rikors guramentat kien hemm is-solitu paragrafu li jwissi lil kull min jircievi rikors guramentat sabiex iwiegeb ghalih fi zmien ghoxrin jum. Jargumenta wkoll li dak li tallega r-rikorrenti u cioe' li kienet fi stat ta' xokk m'huwa minnu xejn peress li l-partijiet kienu ilhom separati *de facto* u li fil-

frattemp, l-intimata baqghet ghaddejja bl-istudji taghha u ghaddiet mill-ezamijiet.

Il-Qorti tirrileva li kwalunkwe referenza ghall-fatti li wasslu lill-partijiet ghas-separazzjoni taghhom, f'dan l-istadju m'ghandha ebda rilevanza. Xejn ma jiswa li jissemmew episodji ta' allegata vjolenza, abbandun u pressjoni ghaliex dak li jrid jigi deciz minn din il-Qorti f'dan l-istadju huwa biss jekk l-intimata ghandiex tinghata l-opportunita' li tipprezenta r-risposta guramentata taghha biex tkun tista' tiddefendi ruhha fil-kawza jew le. B'referenza ghal Dok. MBW1 esebit in atti, jirrizulta car li bejn il-partijiet kienu ghaddejjin trattattivi ghal xi forma ta' ftehim tant li l-istess dokument huwa datat il-25 ta' Novembru 2014 meta f'din l-istess gurnata, l-kawza kienet diga' giet intavolata. Tali data, turi li *se mai* verament l-intimata kienet taht l-impressjoni li ghad hemm il-possibilita' li l-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju. Il-kontenut ta' tali *email* juri li l-intimata naturalment kellha interess li twiegeb ghal dik il-proposta, tant li talbet lill-avukat taghha appuntament fil-vicin.

F'dan l-istadju l-Qorti ser taghmel referenza ghall-gurisprudenza nostrana applikabbli ghall-gustifikazzjoni *o meno* tal-kontumacja, fosthom il-kawza fl-ismijiet **Vittorio Cassar vs Carmelo Vassallo**[1] fejn gie dikjarat li sabiex tigi gustifikata l-kontumacja, ma jridx ikun hemm element ta' *culpa* da parti tal-istess intimata izda jrid necessarajament ikun hemm element li permezz tieghu verament juri li kien hemm kawza legittima (u cioe' ***una ragione indipendente dalla volonta' di chi e' chiamato a subire, o necessita' impellante di chiamata ad altri doveri imprescindibili***[2]) ghal tali nuqqas ta' prezentata ta' risposta fit-terminu impost. Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**[3] fejn il-Qorti tal-Appell esponiet il-fundament razzjonali ta' l-istitut tal-kontumacja, u allura wkoll il-parametri tieghu li ghandhom jigu interpretati b'mod strettissimu favur il-kontumacja. Fi kliem l-istess Qorti,

---

[1] Vol. XXIX.I. 1581 deciza nhar id-29 ta' Mejju 1937

[2] Callus vs Chircop (1926)

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell 1995

"….***Il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' natura punittiva, necessarja biex tassigura serjeta` fil-procedura u r-rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi applikata u interpretata b'mod restrittiv, fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa, anke ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata***."

Il-Qorti tirrileva li mir-rikors tal-15 ta' ta' Jannar 2015 jirrizulta car li l-intimata tipprova tiggustifika l-kontumacja taghha abbazi tac-cirkustanzi difficli li kienet ghaddejja minnhom. Bl-ebda mod ma tghid li n-notifika ma saritx b'mod regolari jew li kien hemm xi zball ta' procedura da parti tar-rikorrent. Huwa minnu li r-rikors guramentat kien jinkludi fih is-solita twissija ghal twegiba fi zmien 20 jum u dwar dan m'hemm ebda dubju. Izda minkejja dan kollu, l-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti genwinament ma rrispondietx ghar-rikors guramentat ghaliex hija rat id-data tas-smiegh ta' Frar 2015. Huwa minnu li setghet tiehu parir, pero' tenut kont tas-sitwazzjoni ta' bejn il-partijiet, il-fatt li l-minuri inqassmu bejn l-istess partijiet u l-fatt li huwa car li l-intimata ma kellha ebda intenzjoni li ma tirrispondix ghal tali kawza (tant li ftit tal-jiem qabel ma giet notifikata bl-atti talbet appuntament lill-avukat taghha biex tirrispondi ghal xi proposta), l-Qorti thoss li jkun ekwu u gust li l-intimata tinghata l-opportunita' li tirrispondi, *stante* li s-sanzjoni tal-kontumacja tkun punittiva wisq fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi <u>tilqa</u>' t-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja taghha u tordna lill-intimata sabiex tipprezenta r-risposta guramentata taghha fi zmien ghoxrin jum mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------